# It-Titular

Joseph Gravina

Il-kwadru titulari li konna nsibu fil-knisja parrokkjali kien dak il-kwadru kbir wara l-artal maġġur. Dan juri fih ix-xena tal-Madonna b'Ġesu tarbija f'ħoġorha, it-tnejn b'kuruni tar-Rużarju lejn Santa Katerina ta'Siena u San Duminku. Din il-pittura kienet tal-Markiż Peppino Apap Testaferrata**[1841-1905]**, u l-unika pittura reliġjuża li qatt kien pitter.

Il-Markiż kien twieled fil-5 ta'Settembru 1841 fil-parroċċa Porto Salvo, il-Belt Valletta minn Luiġi Apap u Rosalia Testaferrata. Fl-1874 huwa żżewweġ lill prinċipessa Taljana



RosinaSabbatinide Principe S. Margherita Panomi, benefatturafost knejjes u kappella, lejn il-knisja ta'Marsaxlokk. Fl-1889, il-Papa IljunXIII għaddielu t-titlu ta'Markiż. Huwa kien artist delitant u l-pittura ta'Marsaxlokk hija l-unika b'rabta reliġjuża. Huwa għamel żmien jgħix l-Italja, fejn miet fit-22 ta'Lulju 1905. Hu kien inġieb Malta u rreġistrat fl-arkivji tal-parroċċa fejn twieled. Indifen fiċ-ċimiterju Maria Adolorata.

Il-pittura tat-Titular kienet irregalata lill poplu Xlukkajr biex tpoġġiet wara l-artal maġġur sa minn meta l-knisja, il-Ħadd, 25 ta'Settembru 1892, kienet tlestiet u tbierket, qabel il-wasla ta' l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tniżlet fuq l-ispallel fost il-briju u ferħ mill-ftit familji Xlukkajri. Fi triqthom mill-port il-kbir x'aktarx li kellhom waqfa qasira ħdejn il-villa San Souci fejn kien hemm tistenna l-Banda Beland li akkompanjathom sal-knisja ċkejkna fil-misraħ ta'Marsaxlokk. Sentejn wara l-Markiża Rosalia Testaferrata bdiet tħallas l-ispejjez biex tinġieb il-Banda Beland, taż-Żejtun u baqgħet tħallashom sal-1899.

Żewġ dati mportanti għal villaġġ u parroċċa ta'Marsaxlokk, bla dubju huma tnejn bikrin. Waħda teħodna lura lejn is-27 ta' Frar tal-1897, meta l-Arċipriet Pietru Pace (Żejtun), ikkonferma proviżorjament lil Salvatore Delia bħala viċendarju sakemm jinħatar il-kappillan tal-paroċċa ġdida ta'Marsaxlokk.

Imbagħad finalment, fis-16 ta' Ottubru, ta' l-istess sena, Salvatore Delia ħa l-pussess b'akkoljenza tal-popolazjoni tal-villaġġ. Ma hemmx dubju li s-sena 1897 kienet waħda mill-aktar snin importanti u memorabbli fl-istorja ta'dan ir-raħal. Għal ħafna nies, din kienet titqies bħala sena ta'identità indipendenti lill-paroċċa ta'Marsaxlokk. B'hekk l-Arċipriet taż-Żejtun ried jagħti 20 lira sterlina

fis-sena lill parroċċa l-ġdida u kien hemm il-pjanta ġdida tal-konfini ta' l-istess parroċċa.

It-tieni data kienet l-1901, meta it-Titular waslet fostna. Tistgħu timmaġinaw il-ferħ kbir li kien hawn ġewwa Marsaxlokk.

### L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju

Mons. Arċisqof Pietru P. Pace ta'permess lill Kappillan Delia biex jagħmel l-arranġamenti sabiex l-istatwa tal-Padruna tal-lokal tinħadem f'Lecce. L-ispiża għall-istatwa tal-Madonna ġejja minn Leċċe - Italja, it-trasport u l-manutenzjoni kien suġġettiv għas-sajjieda u b'donazzjonijiet minn nies nobbli jgħixu fil-villaġġ. Dawk iż-żminijiet is-sajjieda ddeċidew li joffru t-terz ta' dak kollu ggwadanjat matul l-istaġun tas-sajd.

L-i statwa tat-Titular kellha tinħadem matul l-1900 u 1901, fil-fabbrika ta' l-istatwi reliġjużi mill-kartapesta ta'Giuseppe Malecore. Fl-1901, l-istatwa tal-Madonna kienet milqugħha fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta. Il-Kappillan Delia talab lill irġiel ta' Marsaxlokk sabiex jittrasportaw l-istatwa fuq l-ispalla sal-villaġġ. L-istorja tgħid li rġiel Xlukkajri niżlu bl-istatwa fuq l-ispalla minn ħdejn il-villa San Souci b'entużjażmu kbir, kant u x'aktarx akkumpanjati bid-daqq mill-banda Beland.

### L-istatwa kienet restawrata darbtejn:

L-ewwel darba fi żmien il-kappillan Dun Salv Gatt fejn l-istatwa tal-Madonna kienet trasferita fil-Belt tal-Birgu għar-restawr.

It-tieni darba fi żmien Dun VicĠorġ Vassallo, l-istatwa nġarret fuq wara tal-knisja u reġa sarilha r-restawr mixtieq u mistħoqq.

Il-preparament għall-festa li kien imiss f'Ottubru ta' l-istess sena, u bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, il-kappillan ħatar żewġ fratellanzi. Waħda tar-Rużarju u l-oħra tas-Santissimu Sagrament. Huwa ħaseb ukoll għall-żewġ standardi u kien hemm konkorrenza għaż-żewġ fratellanzi. Il-banda mużikali Beland taż-Żejtun daqqet taħt id-direzzjoni tas-surmast Carlo Diacono.

Il-kappillan Salvatore Delia miet fl-24 ta' April, 1902 fl-età ta' 38 sena u għas-sentejn ta' wara ma nħatarx kappillan ieħor. Huwa kien midfun f'nofs il-korsija, qrib fejn kienet in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei.

Fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru 1902 il-festa kienet limitata ħafna b'sinjal ta' luttu u kienet mfakkra biss b'sunett miktub minn Dun Mikiel Cassar (1873-1912)- qassis u kittieb.




